# BAŻILIKA PROTOPARROKKJALI SAN ĠORĠ MARTRI

L-Uffiċċju Parrokkjali, Triq il-Karità, Victoria VCT 1200 | t: 2155 6377 | e: info@stgeorge.org.mt | L-Arċipriet • m: 7920 4434 | e: archprieststgeorge@gmail.com
w: www.stgeorge.org.mt | fb: www.facebook.com/stgeorge.org.mt | live streaming: www.youtube.com/StGeorgesBasilica | RADJU *Leħen il-Belt Victoria* [104.00 FM Stereo] | t: 2156 5207

## MILL-*POLITICALLY CORRECT* GĦAL XHIEDA

IL-KELMA TAL-ARĊIPRIET

Żmien l-Għid hu żmien tax-xhieda tal-imħabba ta' Kristu. Li tkun xhud ifisser li jkollok il-kuraġġ tgħid il-verità minkejja l-konsegwenzi u l-miżinterpretazzjonijiet.

**X'inhi l-verità?**

Il-verità mhix opinjoni jew inkella x'jaqbilli ngħid. Il-verità mhix studju akkademiku jew liġi. Il-verità hi persuna: Ġesù Kristu. U biex inkunu xhieda tal-verità rridu nkunu qrib Kristu u l-Kelma tiegħu. Inkella nsibuna niġbdu lejn xawwatna u mhux lejn il-verità! Fil-fatt il-verità tista' twassalna biex nitkellmu kontra tagħna nfusna u kultant tista' twassalna biex nimxu kontra l-liġi.

**Diplomazija giddieba**

Il-biża' li niġu interpretati ħażin jista' jġegħelna biex f'isem il-*political correctness* ma ngħidux u ma nagħmlux il-verità. Bħala Knisja u jien bħala Nisrani nistgħu naqgħu wkoll f'dan l-iżball. Iżda l-Knisja hi Knisja meta tkun xhud, anki jekk tiskandalizza u tbati l-konsegwenzi.

**L-eżempju tal-Kardinal Krajewski**

Din il-ġimgħa, Kardinal li jieħu ħsieb il-ħidma tal-Knisja mal-foqra mar hu stess jaqta' s-siġilli u jwaħħal il-*meters* tad-dawl fi blokk fejn jgħixu 400 persuna fqira li ilhom bla dawl ġimgħat għax ma jifilħux iħallsu. Minkejja li jaf li se jlaqqatha, hu ħass li l-ebda bniedem m'għandu jkun abbandunat mill-Istat b'dan il-mod. Ma qagħadx jara kif se jwassal il-messaġġ bil-*political correctness*, iżda għaraf li l-verità trid azzjoni mhux paroli, u refa' l-piż.

**Knisja eżempju**

Għandna nkunu kburin li nagħmlu minn din il-Knisja u għandna naħdmu biex inkunu din il-Knisja. Hu ferm eżemplari d-dokument u l-proċeduri li fl-aħħar jiem il-Papa ppromulga biex il-Knisja tkun eżempju għal kull istituzzjoni fil-mod kif għandhom jiġu ttrattati u evitati l-abbużi fuq minuri u nies vulnerabbli. Jekk il-verità ma twassalniex li naqbżu għad-dgħajjef, bħala Knisja nistgħu nżarmaw u nagħlqu l-bibien.

## Il-Ħamisijiet ta' San Ġorġ



**It-Tieni Ħamis:** 23 ta' Mejju
**Xħin:** Fit-8.00pm
**Għal min se nitolbu?** Kulħadd hu mistieden u se nitolbu għar-residenti ta' dawn it-toroq: Pjazza San Ġorġ, Pjazza Indipendenza, Triq San Ġużepp, Sir M.A. Refalo, Is-Suq, Agius de Soldanis, Karità, Mons. Giuseppe Farrugia, Sant'Indrija, Id-Dejqa, Palma, Patri Akkursju Xerri, L-Iskola, L-Arċ. Alfons M. Hili, San Ġorġ, San Ġorġ tal-Ħaġar, L-Arċ. Saver Cassar, Il-Providenza, Il-Liberija, Santa Marija, Il-Karmnu, Ir-Repubblika, L-Exchange, The Duke, Fortunato Mizzi, San Anard.

Ġesù qal lil-Lhud li emmnu fih: "Jekk iżżommu fil-**Kelma tiegħi**, tkunu tassew dixxipli tiegħi, u tagħrfu l-**verità** u l-verità **teħliskom**".

(Ġw 8:31-32)

KRONAKA

**11-05-2019** Nifirħu lil MATTIA ZAMMIT u YLAINIA MUSCAT li ngħaqdu fis-Sagrament taż-Żwieġ.

**12-05-2019** Saret il-Magħmudija ta' MIKAEL, bin Jostin Borg u Maureen Rapa.

## IL-GRIŻMA TAL-ISQOF



Dan il-Ħadd fil-quddiesa tal-11.00am se tingħata l-Griżma tal-Isqof lil 24 student. Nitolbu għal dawn l-adolexxenti biex dan il-mument jimliehom b'ħeġġa ikbar biex ikomplu l-mixja tagħhom tal-fidi lejn il-ħajja adulta: **Anaya Attard, Christine Attard, Francesca Attard, Carlos Axiaq, Hayden Bonnici, Lukas Cini, Wayne Debono, Geordie Ellis, Karolynn Ellis, Julian Farrugia, Kristen Farrugia, Saviour Farrugia, Mariah Galea, Shannah Galea, Timothy George Grech, Sakana Griffiths, George Andrei Mercieca, Mathias Ġorġ Muscat, Jerome Portelli, Yanica Sultana, Anthony Vassallo, Carina Vassallo, James Vassallo, Iva Zelčić.**

INTENZJONIJIET TAL-QUDDIES

| | |
|---|---|
| 19-05-2019 | Il-Familja Azzopardi |
| 20-05-2019 | Karlu u Dolora Grech |
| 21-05-2019 | Marċell, Ġorġa u Frankie Mercieca |
| 22-05-2019 | Feliċ Micallef |
| 23-05-2019 | Ġanġu Galea |
| 24-05-2019 | George Gauci |
| 25-05-2019 | Ian Portelli |

AGĦTIHOM, O MULEJ, IL-MISTRIEĦ TA' DEJJEM